MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 1(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis, il-15 ta' Jannar 2009, fil-4.45 p.m.

1. **<u>Preżenti</u>** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Attivitajiet għall-Karnival
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa numru 11(2008) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Dwar Para. 5.1, (Festa tal-Ħut), il-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill li kienet saret applikazzjoni għal €7,000 mill-Fondi għal Proġetti Kulturali li l-Gvern Ċentrali kien qed joffri lill-Kunsilli Lokali, sabiex issir Festa tal-Ħut f'Marsaxlokk f'Mejju 2009.

**3.2** Dwar Para 5.1, (Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Mario de Marco), il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex, dwar l-organizzazzjoni tal-Monti, jinfurmah lil l-Kunsill kien talab li dan jizzarma fis-2.00 p.m.

**3.3** Dwar Para 5.1, (Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Mario de Marco), il-Kunsill kien talab għal gabbana għall-Informazzjoni Turistika. Għallhekk il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lill-Ministru George Pullicino sabiex din il-gabbana jinkorporawha fil-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt.

4. **Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Malta Olympic Committee xtaqet li l-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet sportivi fil-lokalitajiet tagħhom sabiex jinkuraġġixxu parteċipazzjoni akbar tar-residenti f'dawn l-attivitajiet. Il-Viċi-Sindku kellu jikkuntattja lis-Sur Mark Cutajar, Direttur MOC Sports For All, sabiex jiddiskutu xi attivitajiet adattati għal-Lokal.

**4.3** Dwar l-ittra tas-Sur Paul Spiteri tal-MTA sabiex jittaqa' mal-Kunsill, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jirranġa data għal-laqgħa.

**4.4** Dwar is-suġġeriment ta' Glenn Pisani li jsir Skatepark f'Marsaxlokk, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iwieġeb lis-Sur Pisani u jistiednu juri l-pjanti tiegħu lill-Kunsill.

**4.5** Dwar ir-riżultati tat-testijiet tat-tniġġis tal-arja fl-inħawi ta' Triq il-Port Ruman, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob il-kummenti tal-MEPA rigward dawn ir-riżultati.

**4.6** Il-Viċi-Sindku inħatar rappreżentant tal-Kunsill għal Proġetti Sostenibbli fil-Lokalita' (Memo 02/2009).

5. **Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**5.1** Is-Sindku nforma 'l Kunsill li, flimkien mal-Viċi-Sindku, kien iltaqa' mas-Sur Frankie Jenkins u s-Sur Frankie Vella, membri tal-kumitat tal-Marsaxlokk F.C. u ddiskutew kif il-Kunsill seta' jkun ta' għajnuna għall-klabb.

6. **Attivitajiet għall-Karnival**

**6.1** Il-Kunsillier approva l-programm għall-attivitajiet tal-Karnival li kien ser jinkludi l-parteċipazzjoni ta' banda Svizzera u kien ser jiswa madwar €3000.

7. **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

**7.1** Il-Kunsillier Cassar, issekondat mill-Kunsillier Grech, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet: :

| | | € |
|---|---|---|
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Laqgħa għas-Sindki 5/6 Diċembru 08 | 180.00 |
| C Vella (Valle del Miele) | Rigali tal-Milied għall-Anzjani | 112.88 |
| Caffe Cordina | Ikel għall-Festin tal-Milied | 467.46 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt Nov / Diċ 08 | 3355.45 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Ott - Diċ 08 (130-il siegħa X €5.342) | 694.46 |
| Central Asphalt | *Cold asphalt* għall-*patching*23.12.08 | 195.00 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Diċ 08 | 1206.97 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Diċ 08 | 198.98 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Diċ 08 | 626.39 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Diċ 08 | 1030.75 |
| FX Garage | Kiri ta' *Cherry Picker* għat-tiżjin tal-Milied | 212.40 |
| Fogg Insurance | Assikurazzjoni tal-vann | 510.31 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-djar Diċ 08 | 3979.34 |

| | | |
|---|---|---|
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ | 58.23 |
| GO | 21659555, Diċ 08 | 20.48 |
| GO | 21652525, Diċ 08 | 229.58 |
| GO | 21650937, Diċ 08 | 35.25 |
| GO | 21652392, Diċ 08 | 15.59 |
| Intercontinental Malta | Ikla tal-Milied tal-Kunsill | 466.90 |
| Joe Mangion | Mini Bus Valletta u Melita Gardens | 40.00 |
| Joseph Cassar | Waiter - Festin tal-Milied | 35.00 |
| Hydrorocks Contractors | Bankina ġdida quddiem il-Kunsill | 1099.47 |
| Jason Gauci | Mobile Cards Jan 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Diċ 08 | 79.59 |
| Maryrose Discount Store | *Soft drinks* għall-Festin tal-Milied | 88.25 |
| Paul Cassar | Rigali tal-Milied għall-Anzjani | 219.00 |
| Rose Vella | Tvalja għall-*Boardroom* | *35.00* |
| Schembri Barbros | Flat Bars | 30.00 |
| South East Café | Pastini tal-lewż - żjara ta' Dr Joseph Muscat | 17.00 |
| Tower Supermarket | Platti, tazzi, eċċ., Festin tal-Milied | 42.91 |
| Vallle del Miele | Rigali tal-Milied għall-Anzjani | 1642.84 |
| Valley Pet Shop | Qsari | 70.00 |
| WasteServ | Bring-in-site bins Nov 08 | 287.02 |
| Water Services Corporation | Dawl u Ilma, Uffiċċju 16.07.08 - 31.10.08 | 198.17 |
| | **Total** | **€17,630.67** |

**7.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**8.** **<u>Affarjiet Oħra</u>**

**8.1** l-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill li l-attivitajiet li l-Kunsill kien organizza għall-Milied kienu suċċess.

**8.2** Il-Kunsill approva unanimament ix-xiri ta' kompjuter ġdid għad-Deputat Segretarju.

**8.3** Il-Viċi-Sindku talab li nhar ta' Ħadd il-Gwardjani Lokali joqgħodu għassa għat-traffiku li jitla' *wrong way* minn Triq Melqart. Talab ukoll jekk kienx possibbli li jingħata *breakdown* ta' fejn l-aktar jinħarġu kontravenzjonijiet f'Marsaxlokk, informazzjoni li kienet tingħata lill-Kunsill fi żmien Paul Taliana.

**8.4** Il-Viċi-Sindku talab li jinkisbu kwotazzjonijiet għal *bollards* li jistgħu jinżlu taħt l-art biex jintużaw ħdejn il-Magħluq minħabba t-traffiku li jgħaddi minn bejn il-bejjiegħa tas-suq ta' nhar ta' Ħadd li jarmaw f'dawk l-inħawi.

**8.5** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jakkwista stima mingħand Hydrorocks Construction biex isir *resurfacing* f'Triq San Ġużepp u *patching* f'Triq tax-Xerriek, Triq Santa Katerina u Triq Marsaxlokk (il-parti l-antika) u tiswijiet fejn tinġabar għadira ilma f'Triq Abdosir.

**8.6** Nhar it-Tlieta, 13 ta' Jannar 2009, il-Kunsillier Pomroy kien attenda laqgha tal-Kumitat Konġunt tal-Kriminalita fil-Kunsill Lokali Kirkop, li għaliha kien preżenti wkoll il-Kummissarju tal-Pulizija.

**9.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**